## *Messaġġ mis-Sindku Dr Alexiei Dingli ...*



***Għeziez Ħbieb,***

Huwa ta' unur għalija li ġejt mitlub nikteb dawn il-kelmtejn għall-festa ta' Santu Wistin. Festa mhux biss ta' qaddis important iżda ta' Duttur tal-Knisja. Interessanti ħafna meta wieħed jaqra il-ħajja ta' dan il-qaddis kbir. Qaddis li għal kemm sab wiċċu kemm il-darba mal-fidi permezz ta' Ommu Santa Monika, però xorta waħda irrifjutha, u infetaħ għal Kristu aktar tard fil-ħajja.

Fuq dan il-punt tajjeb li nirriflettu, kemm il-darba nkunu f'salib it-toroq u xi tkun l'għażla tagħna? Dik li ninfethu lejn Kristu jew dik li ngħażlu it-triq il-ħafifa? Qed ngħid hekk il-għaliex fil-qadi tad-dmirijiet tiegħi bħala Sindku, spiss niġi ffaċjat bi problemi fil-kommunitajiet beltin bħal ġlied bejn ġirien. Problemi li jimbtu minn piki bla bżonn bejn nies li jgħixu fl-istess triq u fuq kollox minn nuqqas ta' rispett lejn xulxin. Kemm il-darba nagħmlu affarijiet li jdeqjqu lill-ġirien tagħna mingħajr ma naħsbuwa darbtejn? Jekk vera rridu nimxu fuq it-tagħlim ta' Santu Wistin, hemm bżonn li nibdew naraw lil hinn min imnehirna. Il-prijoritajiet tagħna m'għandhomx ikunu ibbażati fuq x'inhu komdu għalina imma fuq x'inhu ta' ġid għal-komunita' beltija kollha.

Għalkhemm il-festa ta' Santu Wistin tiġi darba fis-sena, nispera li din twassal sabiex nirriflettu fuq dak li għamel dan il-Qaddis kbir, nitgħallmu minnu u nipprattikawh f'ħajjitna is-sena kollha. U għaliex le, fi żmien il-festa niċċelebraw il-ħajja ta'Santu Wistin, ħajja li għada tmissna sal-llum u jekk nimxu magħha, tista' tgħinna immexxu il-belt tagħna il-quddiem.

Fl-aħħar nixtieq nawgura il-beltin kollha il-festa t-tajba speċjalment lill-parruċċani ta' Santu Wistin u nħeġġiġhom nkomplu nifirxuh it-tagħlim ta' dan id-Duttur tal-Knisja mal-beltin kollha sabiex nagħmlu il-belt tagħna post aħjar.








**THE WHOLE WORLD IS AT YOUR REACH**

**M. P. FALZON TRAVEL**

With years of experience in travel, we guarantee the right advice and the best deal to take you to any destination round the globe.

**For special fares to:**

**AUSTRALIA**
**AMERICA**
**CANADA**
**and ANYWHERE IN EUROPE**
**please contact us at:**

**M. P. FALZON TRAVEL**

*16, Old Bakery Street, Valletta.*
*Tel 21239324 - Fax 21245436.*
*TLX: MW 1800 RIOZON*

*E:mail- mpfalzon@mail.global.net.mt*

**Travel -Tour Operators - Shipping - Forwarding & Insurance**